

31970R2665

30.12.1970

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 284/55

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2665/70**tad-29 ta' Diċembru 1970****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 391/68 li jistabbilixxi regoli dettaljati għal intervent permezz ta' xiri lura ta' laħam tal-majjal**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 121/67/KEE ⁽¹⁾ tat-13 ta' Ġunju, 1967 dwar l-organizzazzjoni tas-suq f'laħam tal-majjal, kif l-aħħar emendat br-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1253/70 ⁽²⁾ tad-29 ta' Ġunju, 1970, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(6), l-Artikolu 5(3) u t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 22 ta' dan;

Li ġej għandu jitbiddel għat-test ta' l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 391/68:

“Stati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw preservazzjoni sodisfaċenti tal-prodotti maħżuna. It-temperatura tar-refriġerazzjoni tkun anqas minn 30 °C taħt iż-żero biex tippermetti temperatura interna massima ta' anqas minn 15 °C taħt iż-żero. It-temperatura tal-ħażna għandha tkun anqas minn 20 °C taħt iż-żero.

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 391/68 ⁽³⁾ ta' l-1 ta' April, 1968 stabbilixxa regoli dettaljati għal intervent permezz ta' xiri lura ta' laħam tal-majjal;

Il-majjali maqtula, f'karkassi jew nofs karkassi, ikunu ppakkjati wara r-refriġerazzjoni fil-polythene addattat għall-ippakkjar ta' oġġetti ta' l-ikel, ta' ħxuna ta' 0.05 mm u fi stokkinnett tal-qoton.

Billi, biex ikun żgurat li l-miżuri ta' intervent ikunu mwettqa bl-aktar mod effettiv possibbli, il-kwalità ta' prodotti mixtrija lura mill-aġenziji ta' intervent għandha, kemm jista' jkun, tibqa' kif inhi, anki matul perjodu ta' ħażna pjuttost twil;

Is-sdiera (bl-istrixxi tax-xaħam) and u x-xaħam tad-dahar mhux ipproċessat ikunu ppakkjati, wara r-refriġerazzjoni, f'polythene addattat għall-ippakkjar ta' oġġetti ta' l-ikel, ta' ħxuna ta' 0.05 mm.”

Billi d-dispożizzjonijiet tal-Komunità għandhom għalhekk ikunu stabbiliti fir-rigward temperaturi ta' refriġerazzjoni u ħażna u ppakkjar;

Artikolu 2

Billi l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 391/68 wriet li l-iskadenzi stabbiliti mill-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament fir-rigward ta' l-obbligi ta' Stati Membri li jgħaddu ċerta informazzjoni lill-Kummissjoni m'humix dejjem prattikabbli; billi, għalhekk, dawk l-iskadenzi għandhom ikunu emendati;

Li ġej għandu jitbiddel għat-test ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 391/68:

“Prodotti jistgħu biss jinxtrow lura jekk:

Billi r-rekwiżiti tekniċi murija fl-Anness għal dak ir-Regolament għandhom ikunu addattati għal użanzi tal-kummerċ biex is-sdiera u x-xaħam tad-dahar mingħajr ġilda jkunu jistgħu jinxtrow lura wkoll;

(a) huma ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju, 1964 ⁽⁴⁾ fuq is-saħħa problemi li jaffettwaw il-kummerċ intern tal-Komunità f'laħam frisk, kif l-aħħar emendat mid-Direttiva tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru, 1969, ⁽⁵⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 4 ta' din;

Billi, barra minn hekk, ir-rekwiżiti tekniċi murija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 391/68 għandu jkun addattat għall-istat attwali tal-liġi;

(b) huma jilhqqu r-rekwiżiti spjegati fl-Anness għal dan l-att, u

Billi l-miżuri li hemm ipprovdut għalihom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-Opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Laħam tal-Majjal;

(c) huma jkunu kklassifikati, f'dak li għandu x'jaqsam ma' karkassi jew nofs karkassi tal-majjali, bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2108/70 ⁽⁶⁾ tat-30 ta' Ottubru, 1970 li jiddeċiedi l-iskala tal-Komunità għal klassifikazzjoni ta' karkassi tal-majjali.”

⁽¹⁾ ĠU C 117, 19.6.1967, p. 2283/67.

⁽²⁾ ĠU L 143, 1.7.1970, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 80, 2.4.1968, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU C 121, 29.7.1964, p. 201/64.

⁽⁵⁾ ĠU L 256, 11.10.1969, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 234, 23.10.1970, p. 1

Artikolu 3

Li ġej għandu jitbiddel għat-test ta' l-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 391/68:

“1. Stati Membri jgħarrfu lill-Kummissjoni permezz ta' telex kull ġimgħa l-informazzjoni li ġeja li marbuta ma' l-operazzjonijiet tax-xiri lura tal-ġimgħa ta' qabel:

- (a) il-prodotti, kwalitajiet u kwantitajiet mixtrija lura,
- (b) il-prezzijiet imħallsa għall-prodotti differenti u kwalitajiet.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli dwar il-prodotti u l-kwantitajiet maħżuna fl-aħħar ta' kull xahar, flimkien ma' l-indirizz tal-post tal-ħażna tagħhom.”

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, id-29 ta' Diċembru, 1970.

Artikolu 4

Fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 391/68 għall-prodotti “sdiera (bl-istrixxi tax-xaħam)” u “x-xaħam tad-dahar”, taħt (d) u (ċ), il-kliem “ bil-ġilda jew bla ġilda” jitbiddlu għall-kelma “bil-ġilda”.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Franco M. MALFATTI
